MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 60/2013

**Josephine Calleja**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Josephine Calleja fit-12 ta' Frar 2013 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn a tenur ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta cahad it-talba taghha ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat, liema decizjoni giet komunikata lilha b'ittra datata 18 ta' Jannar 2013, u minflok jordna l-hrug tal-licenza favur taghha;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) l-allegazzjonijiet tar-Rikorrenti fil-konfront tieghu huma

infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) kien hemm ragunijiet validi skond il-Ligi li fuqhom giet ibbazata d-decizjoni ta' Rifjut mahruga minnu fil-konfront tar-Rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (iii) kif jirrizulta minn decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fil-31 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta v. Josephine sive Joyce mart Mario Calleja u Gregorio sive Godwin Scicluna" Att ta' Akkuza 20/89, ir-Rikorrenti nstabet hatja ta' hames snin prigunerija;

Sema' x-xhieda ta' Mario Calleja moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2013[1] u sema' x-xhieda ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2013[2] u ra d-dokumenti esebiti minnha u markati Dok. "SA1" u Dok. "SA3" a fol. 21 sa' 44 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 18 ta' Jannar 2013[3] il-Kummissarju tal-Pulizija gharraf lir-Rikorrenti li *b'referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghall-licenza ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak illi t-talba tieghek ma tistax tigi milqugha skond l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.* Ir-Rikorrenti hasset ruhha aggravata b'din id-decizjoni w appellat minnha ai termini ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Hija titlob li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tigi revokata u minflok jigi ordnat il-hrug tal-licenza ta' Gwardjan Privat favur taghha stante li: (i) ghalkemm kellha kaz kriminali fil-konfront tar-ragel taghha, dan gara 31 sena ilu u il-kaz ilu deciz 20 sena; (ii) hija serviet il-piena moghtija lilha u minn dak iz-zmien 'l hawn qed tghix mar-ragel taghha f'ambjent trankwil hafna; (iii) ma huwiex gust li l-esponenti tibqa' tbghati l-konsegwenzi ta' kaz li gara 31 sena ilu u li llum gie rizolt

[1] Fol. 15 sa' 18 tal-process.
[2] Fol. 45 tal-process.
[3] Dok. "SA1" a fol. 21 tal-process.

b'mod assolut; u (iv) hi tixtieq tahdem ta' Gwardjan Privat ghaliex verament temmen li tista' tkun ta' servizz f'dan il-qasam.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) l-allegazzjonijiet tar-Rikorrenti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) kien hemm ragunijiet validi skond il-Ligi li fuqhom giet ibbazata d-decizjoni ta' Rifjut mahruga minnu fil-konfront tar-Rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (iii) kif jirrizulta minn decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fil-31 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta v. Josephine sive Joyce mart Mario Calleja u Gregorio sive Godwin Scicluna" Att ta' Akkuza 20/89, ir-Rikorrenti nstabet hatja ta' hames snin prigunerija.

L-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta in bazi ghal liema l-Kummissarju tal-Pulizija cahad it-talba tar-Rikorrenti ghall-hrug favur taghha ta' licenza ta' Gwardjan Privat jipprovdi li *l-Kummissarju <u>ghandu</u>[4] jirrifjuta applikazzjoni f'kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta l-applikant jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (i) <u>tkun instabet hatja f'Malta</u>[5] jew x'imkien iehor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew <u>ta' omicidju volontarju</u>[6] jew ta' offiza gravi jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiducja pubblika jew <u>ta' xi delitt gravi iehor</u>[7]*.

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog ferm car li meta l-applikant ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant jaqa' entro l-parametri prefissi fl-imsemmi provvediment tal-Ligi, il-Kummissarju tal-Pulizija ftit li xejn

---

4 Sottolinear tat-Tribunal.
5 *Ibid.*
6 *Ibid.*
7 *Ibid.*

ghandu margini ta’ diskrezzjoni fid-decizjoni finali tieghu dwar it-talba mressqa quddiemu. In effetti jekk wahda jew iktar mic-cirkostanzi stipulati fl-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta tirrizulta lill-Kummissarju tal-Pulizija hu u jikkonsidra applikazzjoni ghall-hrug jew tigdid ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat, huwa **ghandu** jichad dik l-applikazzjoni. L-uniku margini ta’ diskrezzjoni li ghandu l-Kummissarju tal-Pulizija, liema margini fi kwalunkwe kaz ma huwiex wiesgha hafna, huwa fid-determinazzjoni ta’ x’jikkostitwixxi *delitt gravi iehor* ai termini ta’ l-imsemmi Artikolu tal-Ligi.

Fil-kaz in ezami r-Rikorrenti kienet, flimkien ma’ persuna ohra, giet akkuzata u misjuba hatija permezz ta’ sentenza pronuncjata mill-Qorti Kriminali fid-9 ta’ Awwissu 1995 u kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali b’sentenza moghtija fit-3 ta’ Marzu 1999[8], *talli fis-27 ta’ Lulju 1983 ghall-habta ta’ bejn is-2:30p.m. u t-3:00p.m. waqt li kienet fir-residenza taghha sparat zewg tiri ta’ arma tan-nar (revolver) fuq il-persuna ta’ Mario Calleja bil-hsieb li toqtlu wriet dan il-hsieb b’attijiet esterjuri u tat bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà taghha u aktar zammet jew garret arma tan-nar (revolver) waqt il-kummissjoni tad-delitt, barra minn dan zammet l-istess arma tan-nar (revolver) minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija*[9].

Huwa evidenti li fost affarijiet ohra ir-Rikorrenti giet akkuzata u misjuba hatja tat-tentattiv ta’ omicidju ta’ Mario Calleja li ghalkemm tali reat ma jikkalwifkax bhala ir-reat ta’ omicidju volontarju indikat fl-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, bla dubju ta’ xejn jikkwalifika bhala delitt gravi iehor kontemplat fl-istess imsemmi artikolu tal-Ligi.

Ghalkemm ir-Rikorrenti ressqet bhala xhud lil Mario Calleja – il-vittma fl-imsemmija proceduri kriminali kontra taghha – biex turi li huwa dejjem qiesha u ghadu llum iqisha innocenti fir-rigward ta’ dak li kien gara bejniethom

---

8 Dok. “SA3” a fol. 23 sa’ 44 tal-process.
9 Fedina Penali tar-Rikorrenti, Dok. “SA2” a fol. 22 tal-process.

fiz-zmien u li nonostante dak li gara r-relazzjonijiet ta' bejniethom baqghu u ghadhom tajbin, it-Tribunal zgur ma jistax jinjora l-import tas-sentenza kriminali pronuncjata fil-konfront tar-Rikorrent u kif din tinkwadra f'dak provdut fl-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. It-Tribunal ma ghandux dubju li fil-kuntest ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta l-intenzjoni tal-Legislatur hija li delitt gravi – bhalma certament hu d-delitt ta' tentattiv ta' omicidju volontarju – indipendentment minn kemm ghadda zmien mit-twettiq ta' l-istess u indipendentement ukoll mill-fatt li l-vittma setghet haffret lill-aggressur taghha, ghandu dejjem jibqa' jigi kkunsidrat bhala delitt gravi u konsegwentement ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandux ghazla ohra hlief li f'tali cirkostanza jichad it-talba ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat.

Nonostante dak affermat minn Mario Calleja ma jistax jigi injorat il-fatt li tenattiv ta' omicidju volontarju, kif osservat mill-Qorti Kriminali fl-indirizz lill-gurati fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Emanuel Zammit" hekk kif citat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess proceduri fis-sentenza Taghha tal-21 ta' April 2005, *jfisser li xi hadd jipprova joqtol lil xi hadd iehor imma ma jirnexxilux. Meta jrid ikun hemm l-ewwel l-intenzjoni omicida – u mhux l-intenzjoni li tweggga' – jew l-intenzjoni li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car. Id-differenza bejniethom hi li it-tnejn huma intenzjoni omicida, wahda li tixtieq toqtol u t-tieni wahda li qed tara l-mewt bhala konsegwenza, ma tridx il-mewt imma taghmel dak li taf li x'aktarx ser igib il-mewt. Jekk ma jmutx xorta jkun hemm it-tentattiv ta' omicidju, jigifieri t-tentattiv mhux biss li jkollok l-intenzjoni diretta li toqtol imma jista' jkollok tentattiv li int tqieghed fil-periklu l-hajja ta' xi haddiehor. Ezempju int qieghed fuq ajruplan, m'ghandekx l-intenzjoni li toqtol hadd partikolari, tqieghed bomba, din tiehu, imma l-pilota xorta jillendja u ma jmut hadd. Tista' tigi akkuzat ta' tentattiv taht din il-parti li tqeighed fil-perikolu tal-hajja*. Fid-dawl ta' din it-tifsira ta' tentattiv ta' omicidju volontarju – li fil-fehma tat-Tribunal hija d-definizzjoni legali korretta ta' dan ir-reat partikolari – zgur ma jistax jinghad li r-reat imwettaq mir-

Rikorrenti u li tieghu instabet hatja ma jikkostitwixxix delitt ta’ natura gravi.

Apparte dan kollu r-Rikorrenti giet akkuzata u misjuba hatja wkoll talli garret jew zammet arma, senjatament revolver, waqt il-kummissjoni tar-reat ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ Mario Calleja u li di più garret jew zammet tali arma minghajr il-licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, liema reati wkoll ma jistghux ghajr li jitqiesu li huma u dejjem jibqghu delitti ta’ natura gravi.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk it-Tribunal ma jqisx li l-Kummissarju tal-Pulizija ezercita d-diskrezzjoni tieghu, liema diskrezzjoni jigi ribadit hija limitata hafna, b’mod irragjonevoli jew arbitrarju u ghaldaqstant jikkonkludi li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija gustament cahad it-talba tar-Rikorrenti ghall-hrug ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad l-appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata lilha bl-ittra datata 18 ta’ Jannar 2013.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------